# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 19**

**Avviz. numru 468/01mm**

**John's Garage Limited**

**vs**

**David Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Mejju 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' erba mija tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm493.42c), in kwantu ghas-somma ta' mitejn disa u tletin lira u ghoxrin centezmu (Lm239.20) ghall-kiri ta' karozza FBK 758 u in kwantu ghas-somma ta' mitejn erba u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm254.22c) ghall-kiri ta' karozzi tat-tieg.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Mejju 2001 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut jecepixxi illi s-somma mitluba hija wahda eccessiva u ezorbitanti u dana stante illi l-konvenut ma talabx minghand il-kumpanija attrici u ma utilizzax is-servizzi kollha ndikati fl-avviz mill-kumpanija attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja illi din il-Qorti tat zewg opportunitajiet lill-konvenut sabiex jixhed u jaghti l-versjoni tieghu, dana qatt ma deher, la fil-21 ta' Marzu,2002 u lanqas fid-19 ta' Gunju 2002. Iz-zewg seduti kienu moghtija bl-appuntament, ghalhekk il-Qorti trid tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba mis-socjeta' attrici li huma principalment dawk marbuta ma' Gejtu Farrugia in rapprezentanza ta' l-istess.

Dana xehed illi l-konvenut kien gie ghandhom u ordna xi servizzi ta' karozzi ghat-tieg tieghu. Peress illi kien hemm certa hbiberija bejn il-konvenut u t-tifel ta' Gejtu Farrugia, l-konvenut inghata *discount*, pero' meta ntbaghat il-kont, il-konvenut ma resaqx aktar lejn il-garage. Minnkejja illi Farrugia kkomunika diversi drabi mal-konvenut, dan ta' l-ahhar kien jirrispondi u jghidlu nirrangaw u nigi nhallas, pero' x'ried jifhem bil-kelma nirrangaw Gejtu Farrugia qatt ma gie moghti nformazzjoni.

Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici lahqet dak il-grad ta' prova necessarja ghas-success ta' l-istanza taghha. Minbarra x-xhieda ta' Farrugia, hemm ukoll id-dokumenti li juru li s-socjeta' attrici pprestat dak is-servizz lill-konvenut u li dan ta' l-ahhar ma hallasx ghal dan is-servizz, ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici timmerita konferma fit-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' erba mija tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm493.42c), in kwantu ghas-somma ta' mitejn disa u tletin lira u ghoxrin centezmu (Lm239.20) ghall-kiri ta' karozza FBK 758 u in kwantu ghas-somma ta' mitejn erba u hamsin lira u tnejn ghoxrin centezmu (Lm254.22c) ghall-kiri ta' karozzi tat-tieg.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg